MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 79/1982/1

**Alfred Camilleri Cauchi**

**v.**

**George Muscat**

**Il-Qorti:**
Preliminari

1. Dan hu appell ad istanza tal-attur minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Jannar 2007, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell:-

“Il-Qorti

“Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-
“Illi in forza ta’ skrittura privata datata 23 ta’ Jannar 1981 (Dok A) l-kontendenti lahqu ftehim bejniethom fis-sens illi l-attur kellu jesegwixxi xoghol tal-pasta konsistenti f’suffett fuq stil klassiku fid-dar tal-konvenut taht it-termini u kundizzjonijiet ohra miftehma fl-istess skrittura privata u dana versu l-prezz ta’ tmien mitt Liri Maltin (Lm800) li minnu l-konvenut kien diga` hallas mija u disghin Liri Maltin (Lm190) bhala depozitu u l-bilanc ta’ sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm610) kellu jithallas mill-konvenut malli jitlesta x-xoghol relattiv;

“Illi l-konvenut qieghed ingustament jippretendi illi l-attur ma qeghdiex l-inkarigu moghti lilu skond l-imsemmi ftehim peress li ma wahhalx “figuri” jew “statwi” fil-kantunieri tas-suffett in kwistjoni u b’hekk qed jirrifjuta li jhallas lill-attur il-bilanc ta’ sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm610) dovuti minnu;

“Illi l-ftehim bejn il-kontendenti jghid espressament fl-ewwel artikolu illi l-attur kellu jaghmel “dekorazzjonijiet” u ma jirrizulta minn imkien dak li llum qed jippretendi l-konvenut;

“Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m’ghandhiex: -

“Tiddikjara illi x-xoghol esegwit jew li ghandu jigi esegwit mill-attur fis-suffett in kwistjoni tad-dar tal-konvenut hu dak skond il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Jannar 1981 (Dok A) u mhux dak li llum qieghed ingustament jippretendi l-konvenut u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm610) kif fuq inghad;

“Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-mandat ta’ qbidipprezentat fil-15 ta’ Settembru 1981 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-13 ta’ Lulju 1981 u tas-26 ta’ Awwissu 1981 u tal-14 ta’ Settembru 1981 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitamenmt konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-iskrittura Dok A issemmi espressament illi x-xoghol in kwistjoni kellu jitlesta mhux aktar tard mill-ahhar ta’ Awwissu 1981. Il-konvenut Musat talab ukoll illi x-xoghol isir skond l-arti u s-sengha u a termini tal-ftehim li wara kollox kien qed jinkorpora ftehim originali li sar perjodu ta’ zmien qabel it-23 ta’ Jannar 1981. Izda fil-fatt l-attur kiser prattikament il-kundizzjonijiet kollha ta’ dan il-ftehim, ghamel xoghol hazin kif jista’ jigi konstatat facilment, u di piu, qed jitlob somma ohra ghal xoghol li necessarjament bi ftehim espress ghandu jigi inkorporat mix-xoghol li kellu jsir. L-eccipjenti, ghalhekk qieghed jipprevalixxi ruhhu minn dina l-kawza u qed jaghmel kontro-talba, fis-sens illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara x-xoljiment tal-ftehim ta’ bejn il-kontendenti u dana minhabba inadempjenza u xoghol hazin, u tikkundanna lill-attur jirrifondi d-depozitu mhallas b’riserva ghad-danni kollha spettanti lil konvenut;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn talab li jigi ordnat ix-xoljiment tal-ftehim ta’ bejn il-kontendenti u li l-attur jigi kundannat jirrifondi d-depozitu imhallas ta’ Lm190 (mija u disghin Lira Maltija);

“Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tas-17 ta’ Mejju 1982 li bih gew nominati bhala perit legali l-Avukat Dottor Ray Pace u bhala perit tekniku lill Giuseppe Galea biex jassisti lill perit legali;

“Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tas-6 ta’ Ottubru 1982 li bih gie sostitwit il-perit tekniku gia` nominat u gie nominat minflok Vincent Apap bl-istess fakoltajiet;

“Rat il-verbal tal-access mizmum minn din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-23 ta’ Marzu 1995;

“Rat ir-relazzjoni tal-abbli periti gudizzjarji debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-21 ta’ Marzu 1996;

“Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Gunju 1996 li bih gew nominati bhala periti addizzjonali L-Avukat Dottor Joseph Borg Bartolo, John Bonnici u Anton bil-fakoltajiet soliti;

“Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ April 1997 li bih gie sostitwit il-perit addizzjonali l-Avukat Joseph Borg Bartolo u giet nominata minflok l-Avukat Dottor Edwina Chetcuti bl-istess fakoltajiet;

“Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Frar 2003 li bih gew sostitwiti il-periti addizzjonali nominati bl-eccezzjoni tal-Avukat Dottor Edwina Grima u gew nominati minflok l-AIC Joseph Ellul Vincenti u l-AIC Godwin Abela bl-istess fakoltajiet u inkarigu;

“Rat ir-relazzjoni tal-abbli periti addizzjonali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-4 ta’ Marzu 2004;

“Semghet il-periti addizzjonali l-AIC Joseph Ellul Vincenti u l-AIC Godwin Abela in eskussjoni prodotti mill-attur;

“Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;

“Ikkonsidrat:
“Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghal skrittura privata bid-data tat-23 ta’ Jannar 1981 li permezz taghha l-partijiet ftehemu li l-attur kellu jesegwixxi xi xoghol tal-pasta konsistenti f’suffett fuq stil klassiku fid-dar tal-konvenut. Il-prezz miftiehem kien tmien mitt Liri Maltin (Lm800) u l-konvenut hallas depositu ta’ mija u disghin Liri

Maltin (Lm190). Ir-rimanenti bilanc kellu jithallas kif jitlesta x-xoghol. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut, ingustament, qed jippretendi li huwa, cioe` l-attur, ma qeghdix dan l-inkarigu skond l-imsemmi ftehim peress li ma gewx imwahhla "figuri" jew "statwi" fil-kanutnieri tas-suffett. Ghalhekk il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas il-bilanc ta' sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm610). L-attur jippremetti ukoll li l-ftehim jistipula fl-ewwel artikolu illi l-attur kellu jaghmel biss "dekorazzjonijiet" u mhux dak li llum qed jippretendi l-konvenut. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li x-xoghol esegwit hu skond il-ftehim u li konsegwentement il-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma bilancjali;

"Il-konvenut qed jeccepixxi li l-iskrittura in kwistjoni ssemmi espressament li x-xoghol kellu jitlesta mhux aktar tard mill-ahhar ta' Awwissu 1981. Ix-xoghol kellu jsir skond l-arti u s-sengha u a termini tal-imsemmi ftehim. L-attur kiser il-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim, ghamel xoghol hazin u di piu qed jitlob somma ohra ghal xoghol li ghandu jitqies inkorporat max-xoghol li kellu jsir. Il-konvenut ghalhekk qed jaghmel kontro-talba fejn qed jitlob li jigi dikjarat ix-xoljiment tal-imsemmi ftehim minhabba inadempjenza u xoghol hazin u li l-attur jigi kundannat jirrifondi d-depozitu mhallas lilu;

"Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut jispecifika li l-imsemmija skrittura saret ferm wara li kien sar ftehim verbali bejn il-kontendenti. L-iskrittura saret wara li nqalghu xi kwistjonijiet bejn il-partijiet. Il-konvenut kompla jikkjarifika li kellhom isiru dekorazzjonijiet fil-forma ta' figuri skond ritratti li kienu ghand l-attur. L-attur qabad u telaq minn fuq ix-xoghol tant li x-xoghol baqa' mhux kompletat. Biex jaghmel il-figuri l-attur talab somma ohra meta gia` kollox kien miftiehem.. Inoltre l-attur ma applikax l-attenzjoni u l-arti kif kien xieraq tant illi xi ruzuni mhux centrati sew. Il-gnub tal-koppla huma mxattra. Iz-zebgha li ntuazat ukoll ma kienitx "bajda";

"Fil-kors ta' dawn il-proceduri gew nominati l-Avukat Dottor Ray Pace bhala perit legali u Vincent Apap bhala perit tekniku biex jassisti lil perit legali;

"L-imsemmija periti gudizzjarji kkonkludew li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha billi x-xoghol ezegwit mill-attur hu skond il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti b'dan li l-figuri ma kienux inkluzi fl-istess ftehim u billi x-xoghol ezegwit mill-attur sar skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk ukoll ghandhom jigu michuda l-eccezzjonjiet tal-konvenut. Il-kontro-talba tal-konvenut ma tistax tigi kkunsidrata peress li ma hijiex fil-forma rikjesta mil-ligi u taghmel biss parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenut. Inoltre l-istess kontro-talba ma gietx notifikata lill-kontro-parti;

Gew nominati wkoll periti addizzjonali u cioe` l-Avukat Dottor Edwina Chetcuti, l-AIC Joseph Ellul Vincenti u l-AIC Godwin Abela;

"L-imsemmija periti addizzjonali kkunsidraw biss l-eccezzjoni tal-konvenut dwar jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti. Difatti l-konvenut, li talab in-nomina tal-istess periti addizzjonali, kkonferma li huwa hassu aggravat biss bil-konkluzjonijiet tal-ewwel perit gudizzjarju dwar din il-kwistjoni u cioe` jekk ix-xoghol sarx sewwa jew le. Il-konkluzjonijiet l-ohra tal-ewwel periti gudizzjarji u cioe` li l-ftehim ma kienx jinkludi l-figuri u l-istatwi u dwar il-kontro-talba gew accettati mill-istess konvenut;

"Il-periti addizzjonali, dwar l-imsemmija eccezzjoni li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, kkonkludew li din l-istess eccezzjoni ghandha tigi milqugha. Huma ghalhekk ikkonkludew ukoll li t-tieni talba attrici ma tistax tintlaqa fl-intier taghha u dana peress illi l-ammont ta' Lm610 ma huwiex dovut fl-intier tieghu minhabba ix-xoghol hazin li sar. Konsegwentement l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha. Ghandha tigi milqugha wkoll l-eccezzjoni tal-konvenut limitatament fejn gie ecceppiet illi x-xoghol maghmul mill-attur ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u ghandha tigi milqugha t-tieni talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm300 (tlett mitt Liri Maltin);

"Il-Qorti hasbet fit-tul u b'mod approfondit dwar dawn il-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali u kkonkludiet li dawn l-istess konkluzjonijiet huma gusti u ragjonevli u jimmeritaw li jigu konfermati. Ghalhekk il-Qorti tghamilhom taghha u taddotta l-istess konkluzjonijiet.. Ma jirrizulta xejn li jista' jgieghel lill-Qorti tiskarta jew tvarja dawn l-istess konkluzjonijiet;

"Ghal dawn il-motivi:

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara illi x-xoghol esegwit mill-attur fis-suffett in kwistjoni tad-dar tal-konvenut hu dak skond il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti fit-23 ta' Jannar 1981 (Dok A) u billi fit-tieni lok tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut limitatament fejn gie ecceppit illi x-xoghol maghmul mill-attur ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u konsegwentement tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghas-somma ta' tliet mitt Liri Maltin (Lm300) u cioe` l-konvenut hu kundannat ihallas lill-attur biss l-imsemmija somma ta' Lm300 u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

"Spejjez kollha jithallsu kwantu ghal kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenut."

**L-Appell tal-konvenut George Muscat**

2. L-konvenut hassu aggravat bis-sentenza suriferita tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Jannar 2007, u interpona appell minnha. In succint l-aggravji tieghu huma is-segwenti:

i) L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma wettqitx analizi fit-tul u approfondita tal-kawza. Dan huwa evidenti min-numru ta' fatturi. L-ewwel fattur huwa li ma hemm ebda indikazzjoni fis-sentenza li l-ewwel Qorti kkonsidrat il-punti ta' dritt sollevati fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-appellant u li ma gietx ikkonsidrata l-kontro-talba li saret mill-appellant.

ii) Ghalhekk ghandhom jigu soffermati l-punti ewlenin ta’ dritt li ghandhom jigu kkonsidrati f’kazijiet meta qieghed jigi eccepit li x-xoghol ma kienx tal-kwalita` patwita u/jew li ma jkunx sar skond il-ftehim, u dana fil-kuntest tat-talba rikonvenzjonali.

iii) It-tieni aggravju huwa li l-attur kellu l-obbligu li jesegwixxi xoghlu skond is-sengha u l-arti u kellu jippresta almenu kapacita` ordinarja. Kif gie deciz mill-Qrati taghna, min jintrapendi xoghol ghandu jassikura l-adempjenza tal-ftehim pattwit u jippresta opra sodisfacenti. L-appellant ighid ukoll li fejn il-ftehim ikun jirrigwarda l-bidu u t-tmiem ta’ xoghol bhala progett shih, ftit jaghmel sens li jsir hlas parzjali ghaliex dan ifisser li kif isir ix-xoghol, min ikun hadmu ikun intitolat ghal xi hlas anke meta x-xoghol li jkun sar ma jkollu ebda valur pozittiv tant li jkollu jerga’ jsir mill-gdid.

iv) Bhala fatt (dejjem skond l-appellant) jirrizulta li l-punt ewlieni ta’ differenza huwa li filwaqt li l-perit tekniku Vincent Apap ikkonkluda li tezisti *“artistic licence”* li taghti lok ghal certi sfumaturi fix-xoghol, min-naha l-ohra l-periti teknici addizzjonali Joseph Ellul Vincenti u Godwin Abela kkonkludew li meta jsir xoghol fuq stil klassiku, il-gjometrija u s-simetrija ghandhom jipprevalu fuq kull licenzja artistika.

v) Li d-difetti li rrizultaw ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu tal-istil klassiku rikjest mill-appellant.

vi) Fl-ahharnett, l-appellant jghid li l-istatwi li kellhom jigu installati skond il-ftehim baqghu ma gewx installati u li ghalhekk baqa’ mikxuf id-difett derivanti mill-inkonsistenza fid-daqs tad-disinn fil-kantunieri.

vii) L-appellant ikkonkluda li ghalhekk huwa ghandu jinghata ragun meta talab li jigi xolt il-kuntratt tal-appalt imma wkoll li fi kwalunkwe kaz huwa ma ghandu jhallas xejn lil appellat ghaliex il-prezz miftiehem kien wiehed shih ghax-xoghol u mhux ghal kull unita` ta’ xoghol. Aktar minn hekk ix-xoghol ma kienx ikkompletat sewwa kemm

f’termini ta’ sengha u arti u kemm skond il-ftehim espressament patwit bejn il-partijiet.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-konvenut appellant talab ir-revoka u t-thassir tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Jannar 2007, u dan billi din il-Qorti tichad it-talbiet attrici, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u/jew tilqa’ t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut appellant u ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet tal-attur appellat. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>Risposta tal-attur appellat Alfred Camilleri Cauchi</u>**

3. L-appellat preliminarjament jissottometti li mill-atti procedurali jirrizulta li dan l-appell huwa wiehed fieragh u intiz biss biex itawwal iz-zmien. Fil-fatt l-appellat jirrileva li din il-kawza giet intavolata minnu fis-sena 1982, wara ftehim li kien sar bejn il-partijiet fit-23 ta’ Jannar 1981, cioe aktar minn 26 sena ilu.

L-appellat ikompli jelabora li dan huwa appell fuq apprezzament ta’ provi li din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni m’ghandhiex, hlief ghal ragunijiet gravi, tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-ewwel Qorti.

Ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-kontro-talba tal-appellant jirrizulta li kontrarjament ghal dak li ssottometta fir-rikors tal-appell tieghu, l-ewwel Qorti rriflettiet sew dwarha u fil-fatt qalet li din ma setghetx tigi kkonsiderata ghaliex ma kienitx fil-forma rikjesta mil-ligi u kellha titqies li kienet biss parti mill-eccezzjonijiet tal-appellant. Inoltre, ikompli l-appellat, din il-kontro-talba qatt ma giet notifikata lill-kontro-parti.

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju li x-xoghol ma giex esegwit skond il-ftehim li sar bejn il-partijiet, l-appellat jghid li rrizulta li kien l-istess appellant li naqas milli jaghti raguni valida u rrifjuta milli jhallas lill-appellat il-bilanc ta’ Lm610 dovut minnu. L-attur appellat ikompli jghid li, kontrarjament ghal dak li qed ighid l-appellant, ix-xoghol li

gie esegwit minnu sar skond is-sengha u l-arti u skond dak li gie miftiehem bejn il-partijiet. Dan kollu gie kkonfermat mir-rapport tekniku li ghamel il-Kavallier Vincent Apap.

Fl-ahharnett, l-appellat isostni li ghalkemm huwa kien bi hsiebu jipprezenta appell incidentali ghaliex l-ewwel Qorti fil-verità kienet zbaljata meta minflok ma hadet in konsiderazzjoni l-konkluzzjoni tal-Perit Apap, imxiet fuq ir-rapport tal-periti addizzjonali ghal fini tal-likwidazzjoni tad-danni, kien biss minhabba kwistjoni ta' spejjez gudizzjarji u minhabba li s-sorte huwa wiehed minimu li huwa ma appellax ukoll mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

4. Ghalhekk l-appellat talab lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tal-konvenut appellant, tikkonferma s-sentenza appellata u tapplika kontra l-appellant is-sanzjoni kontemplata fil-partita 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A annessa mal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li jirrizulta li l-att procedurali li bih inbdiet din il-kawza kien wiehed fieragh u intiz biss biex itawwal iz-zmien.

**<u>Fatti mertu tal-kaz</u>**

5. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenut appellant, din il-Qorti thoss li jkun opportun li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:-

i) Ghal habta tas-sena 1977, il-konvenut u martu nkarigaw lill-attur appellat biex dan jaghmlilhom xoghol ta' natura artistika li kien jinvolvi dekorazzjonijiet fit-tromba tat-tarag tad-dar taghhom. Biex l-attur fiehem lill-konvenut ix-xoghol li kien se jaghmillu, kien anke ghamel xi *sketches* fuq il-hajt tal-post stess. L-istima li kienet saret dak iz-zmien ghal dan ix-xoghol artistiku kienet ta' Lm900.

ii) L-attur beda jahdem fuq il-post tal-attur, liema xoghlijiet kienu jikkomprendu dekorazzjonijiet fl-iskultura u kien anke beda jahdem fuq "mudelli ta' ovali" u gwarnicar. Dawn l-opri kienu gew approvati mill-appellant u martu u l-attur kien mar iwahhalhom fid-dar taghhom.

iii) Minhabba l-fatt li fil-frattemp dahal xi xoghol gdid ghall-appellat, huwa kien talab lill-appellant sabiex huwa jieqaf mix-xoghol li kien qed jaghmillu u l-konvenut ghall-ewwel deher li kien qabel mieghu.

iv) Wara ftit jiem pero`, l-appellant ried li l-attur ikompli ix-xoghol intrapiz. Ghalkemm l-appellat wiegbu li ma setax, u wara intervent tal-avukati tal-partijiet, intlahaq bejniethom il-ftehim tat-23 ta' Jannar 1981, li jinsab esebit bhala Dok. A a fol. 4 u 5 tal-process.

v) F'dan il-ftehim hemm deskritt dettaljatament ix-xoghol li kellu jsir mill-appellat u li kien jikkonsisti *inter alia* fis-segwenti:

a) L-appellat kellu jkompli x-xoghol ta' pasta konsistenti f'suffitt fuq stil klassiku, kif mibdi, liema xoghol kellu jitlesta sal-ahhar ta' Awwissu 1981;

b) Kellu jaghmel ix-xoghol komuni mar-ruzun ovali, il-gwarnica ta' barra f'forma ovali, li digà kienet mibdija, li minna kellhom johorgu l-kustilji b'zewg temi, cioe` wahda lixxa minhabba l-pittura u l-ohra fejn jidhlu id-dekorazzjonijiet, kif ukoll il-gwarnica ta' taht li digà kienet mibdija u kwazi lesta;

c) Ix-xoghol ta' tikhil, l-armar u z-zebgha kellhom jigu provduti mill-konvenut appellanti;

d) Il-prezz gie stabbilit ghall-ammont globali ta' Lm800, li minnu thallsu akkont Lm190 meta gie ffirmat dan il-ftehim;

vi) In segwitu tal-ftehim, l-attur rega' beda x-xoghol fid-dar tal-konvenut. Meta kien se jibda jahdem fuq il-lunetti, il-mara tal-konvenut qaltlu li hemm xtaqet figuri ta' angli u l-attur informaha li biex jaghmel il-figuri tal-angli dawn kienu sejrin jiswew Lm40 aktar mill-ammont konvenut ghaliex ma kienux inkluzi fil-ftehim milhuq. Hawn l-attur jallega li nqala argument u li minn hemm bdiet il-kwistjoni kollha li tat lok ghal din il-vertenza;

vii) Min-naha tieghu, il-konvenut jikkonferma l-maggorparti ta’ dawn il-fatti hlief li huwa jixhed li meta kien iltaqa’ l-ewwel darba mal-attur kien urih ktieb sabiex jurih kif xtaq li jsir ix-xoghol *de quo*. L-appellant jghid li kien wera ktieb lill-attur li jismu “Versailles” kif ukoll ktieb iehor li jismu “Legarde et Michard”, biex jurih stampa tal-kamra li hemm fil-Palazz ta’ Versailles li jisimha *“Salon de la Paix”* jew *“Salon de la Guerre”*, bl-iskop li l-attur ikun jistà jikkopja l-istess disinn.

viii) Il-konvenut jelenka s-segwenti difetti fix-xoghol esegwit mill-attur:

1. L-ovali tac-centru m’humiex ittundjati skond il-geometrija;

2. Ix-xoghol huwa nofsu bl-istoppa u nofsu minghajrha;

3. Ix-xoghol mhuwiex marbut tajjeb;

4. Il-qisien tal-kantuniera f’forma ta’ lunetti m’huwiex ta’ qis wiehed;

5. Il-gwarnicar fl-ovali m’huwiez ezatt;

6. Is-sitt hnejjiet m’humiex indaqs u lanqas geometrici;

7. It-tundjatura m’hijiex simmetrika;

8. Ir-ruzun mhux dak li kien miftiehem u huwa mghawweg.

ix) Minhabba l-fatt li l-attur baqa ma’ thallasx ghax-xoghol li fil-fatt ghamel, infethet din il-kawza minnu fis-26 ta’ Jannar 1982.

<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>

6. L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma wettqitx analizi fit-tul u approfondita tal-kawza. Skond l-appellant dan huwa evidenti minn numru ta’ fatturi. L-ewwel fattur huwa li ma hemm ebda ndikazzjoni fis-sentenza li l-ewwel Qorti kkonsidrat il-punti ta’ dritt sollevati fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-appellant u li ma gietx ikkonsidrata l-kontro-talba li saret mill-appellant.

Din il-Qorti tibda billi tinnota li ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-kontro-talba tal-konvenut, l-ewwel Qorti fil-fatt irriteniet li gej:

*“Il-kontro-talba tal-konvenut ma tistax tigi kkunsidrata peress li ma hijiex fil-forma rikjesta mil-ligi u taghmel biss parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenut. Inoltre l-istess kontro-talba ma gietx notifikata lill-kontro-parti.”*

L-ewwel Qorti effettivament irriproduciet u ghamlet taghha dak li qal il-perit legali fir-rapport tieghu, liema rapport ghal dak li rraporta dwar il-punti legali tal-kwistjoni ma jirrizultax li gie kontradett mill-konvenut appellant. Minbarra dan din il-Qorti taqbel ma’ din il-konkluzjoni kemm tal-perit legali u kemm tal-ewwel qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Skond l-Artikolu 398 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, (u dan qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-1995) il-forma tar-rikonvenzjoni kellha ssir hekk:

*“Il-konvenut li jkun jrid jipproponi r-rikonvenzjoni, ghandu jaghmel il-kontro-talba tieghu fit-twegiba ghal-libell, meta l-procedimenti jinbdew b’libell, jew fin-nota ta’ eccezzjoni, meta l-procedimenti jkunu c’citazzjoni, jew fir-risposta bil-miktub ghar-rikors meta l-procedimenti jkunu b’rikors.*

*“(2) Il-kontro-talba ghandha titressaq wara l-eccezzjonijiet ghat-talba originali li jsiru kif mehtieg bil-ligi; u l-konvenut ghandu, dwar il-kontro-talba jhares, kemm jista’ jkun, ir-regoli stabbiliti b’dan il-Kodici jew b’xi ligi ohra ghall-att procedurali li bih il-procedimenti kienu l-ewwel inbdew.*

*- Omissis -*

*"(4) Meta l-procedimenti jkunu b'citazzjoni, kontro-talba maghmula f'nota ta' eccezzjoni tiswa daqs prezentata ta' citazzjoni dwar dik it-talba, li ghandha tigi nnotifikata lill-attur, li ghandu jipprocedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha …"*

Issa minbarra l-fatt li l-appellant ma pprezentax il-kontro-talba tieghu fil-forma preskritta mil-ligi, huwa naqas ukoll milli jinnotifika tali kontro-talba lill-attur appellat, u ghalhekk ma setax ikun hemm risposta ghal din il-kontro-talba mill-parti avversarja.
Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi michud, ghaliex gialadarba t-talba rikonvenzjonali ma tistax tigi kkonsidrata bhala tali, lanqas ma tista' din il-Qorti tikkonsidra t-talbiet li saru mill-konvenut dwar ix-xoghol maghmul mill-appellat fil-kuntest tal-istess "talba rikonvenzjonali".

7.1 It-tieni aggravju tal-konvenut appellant huwa li l-appaltant ghandu l-obbligu li jesegwixxi xoghlu skond is-sengha u l-arti u jrid jippresta almenu kapacità ordinarja. Kif gie deciz mill-Qrati taghna, min jintrapendi appalt ta' xoghol ghandu jassikura l-adempjenza tal-ftehim pattwit u jippresta opra sodisfacenti. Skond l-appellant, fejn il-ftehim ikun jirrigwarda l-bidu u t-tmiem ta' xoghol bhala progett shih, ftit jaghmel sens li jsir hlas parzjali ghaliex dan ifisser li darba li jsir ix-xoghol, min ikun hadmu jkun dejjem intitolat ghal xi hlas anke meta x-xoghol li jkun sar ma jkollu ebda valur pozittiv tant li jkollu jerga' jsir mill-gdid.

L-appellant isostni ghalhekk illi huwa ghandu jinghata ragun meta talab li jigi xolt il-kuntratt tal-appalt *de quo* u, li fi kwalunkwe kaz, huwa m'ghandu jhallas xejn lill-appellat ghaliex il-prezz miftiehem kien wiehed shih ghax-xoghol kollu involut u mhux ghal kull unità ta' xoghol. Aktar minn hekk, ix-xoghol ma kienx ikkompletat sewwa kemm f'termini ta' sengha u arti, u kemm skond il-ftehim espressament patwit bejn il-partijiet.
7.2 Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra dan l-aggravju tal-appellant, din il-Qorti se tirreferi ghall-principji li

jirregolaw il-kuntratt ta’ appalt. B’mod generali, l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommissjonat, skond ir-regoli tas-sengha u l-arti, u jrid almenu jippresta kapacità ordinarja. L-appaltatur ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hija wahda implicita. Huwa tenut anki ghall-kolpa lievi. L-appaltatur ghandu wkoll l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b’mod li ’l quddiem juri difett. Ara s-sentenza ta’ din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Hal Mann Ltd** tal-20 ta’ Ottubru 2003.

Minbarra dan kollu u strettament ghal dak li ghandu x’jaqsam mad-difetti li jistghu jirrizultaw fix-xoghol appaltat, meta d-difetti ma jkunux ta’ natura sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies bhala totalment inadempjenti. Madankollu huwa jibqà obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz (ara s-sentenza fl-ismijiet **Schembri v Caruana** deciza fid-9 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili).

8 F’din il-kawza gew appuntati b’kollox tlett (3) periti teknici. Fir-rapport tal-ewwel perit tekniku (artist professjonist), li kien il-Kavallier Vincent Apap (ara fol. 107 tal-process) dan kien ikkonkluda li x-xoghol li kien ghamel l-attur appellat kien *“maghmul skond is-sengha u l-arti u maghmul fl-andament generali li titlob l-istess sengha u l-esekuzzjoni tieghu hija addattata ghall-ambjent li fih inhadem”.* Huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni wara li kkonstata li dak li l-konvenut appellant identifika bhala difetti fix-xoghol, fil-fatt ma huma difetti xejn ghaliex dawn il-lanjanzi huma diretti u applikabbli ghal xoghol ta’ geometrija u kejl li fil-kuntest ta’ xoghol artistiku m’ghandhomx fundament.

Wara l-prezentata ta’ din il-perizja teknika, il-konvenut appellant talab ghall-hatra ta’ periti addizjonali u l-ewwel Qorti appuntat lill-periti teknici AIC Joseph Ellul Vincenti u l-AIC Godwin Abela, zewg arkitetti. Fir-rapport taghhom, li qieghed a fol. 223 *et seq*. tal-process, il-periti kkonkludew li filwaqt li qablu fil-principju ma’ dak li qal il-perit tekniku Vincent Apap, jigifieri, li f’xoghol ta’ natura artistika wiehed ghandu jara x-xoghol fil-komplessità tieghu, ikkonsidraw

ukoll il-fatt li dan kien xoghol li kellu jsir fuq stil klassiku. Ghalhekk minhabba l-fatt li l-istil klassiku huwa bbazat fuq il-gjometrija u s-simmetrija, id-difetti li gew elenkati mill-konvenut fil-fatt jezistu. A bazi ta’ dan ir-rapport addizzjonali, il-periti waslu ghall-konkluzzjoni li ghandha titnaqqas is-somma ta’ tlett mitt Liri Maltin (Lm300) mis-somma dovuta, skond il-ftehim surreferit. Din il-Qorti tosserva inoltre li, in kontro-ezami (ara fol. 260 tal-process) il-periti addizzjonali ziedu jelaboraw hekk,

*“Nghidu wkoll li d-difetti jidhru pero` ma jidhrux mad-daqqa t’ghajn, trid tmur tfittixhom biex issib id-difetti. Dan nghiduh fis-sens li jekk tmur biex issib id-difetti, issibhom id-difetti.”*

9 Wara li qieset dak kollu li gie sottomess mill-partijiet u ezaminat il-provi kollha akkwiziti, u tenut kont tal-principji li japplikaw ghal kuntratt ta’ appalt, din il-Qorti ma tistax taghti ragun lill-konvenut appellant li l-attur m’ghandu jithallas xejn ghax-xoghol li ghamel fuq il-pretest li dan ma sarx skond is-sengha u l-arti. Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur appellat intalab sabiex jaghmel xoghol artistiku wara li gie muri stampa u li ghalhekk kellu jadegwa dak li ra fl-istampa ghas-saqaf tal-konvenut appellant. Trattandosi hawn ta’ xoghol ta’ natura artistika, wiehed irid jikkonsidrah bhala tali u mhux jintilef u joqghod ifittex certi rqaqat teknici ta’ entità zghira kif ipprova jaghmel il-konvenut. Minghajr ebda dubju ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit tekniku Vincent Apap, <u>liema konkluzjoni giet kondiviza anke mill-periti addizzjonali</u>. Fl-istess waqt, gie stabbilit ukoll li hemm xi difetti ta’ geometrija u simmetrija izda kif qalu l-periti, wiehed irid ifittixhom sabiex jarahom. Ghalhekk a bazi tal-principju li meta d-difetti m’humiex ta’ natura sostanzjali, l-appaltatur m’ghandux jitqies bhala inadempjenti, u ladarba l-appaltatur ma ntalabx li jirripara d-difetti, ghandu jkun hemm ir-riduzzjoni tal-prezz li gie miftiehem.

Din il-Qorti ghalhekk tichad anke dan l-aggravju tal-konvenut appellant, u qeghda ghalhekk taqbel mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward.

10 Fl-ahharnett, din il-Qorti sejra taccenna wkoll ghal dak li jsemmi l-konvenut appellant bhala parti mit-tieni aggravju tieghu, cioè li l-istatwi li kellhom jigu installati skond il-ftehim, baqghu ma gewx installati u li ghalhekk baqa' mikxuf id-difett derivanti mill-inkonsistenza fid-daqs tad-disinn fil-kantunieri. Issa, meta wiehed jezamina l-ftehim li kien sar bejn il-partijiet, dawn l-istatwi ma jissemmewx. Kif irrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-ideja li jitpoggew l-istatwi giet wara li sar l-imsemmi ftehim in iskritt tat-23 ta' Jannar 1981, u qatt ma giet inkorporata fih. Fir-rapport tieghu l-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li ma hemmx il-prova li kien hemm ukoll ftehim vinkolanti dwar dawn l-istatwi, ma' liema konkluzjoni din il-Qorti taqbel. Ghalhekk il-konvenut appellant ma jistax ikompli jinsisti fuq dawn l-istatwi meta dawn ma kienux parti mill-ftehim originali.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-aggravji tal-konvenut appellant, u tikkonferma *in toto* s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Jannar 2007, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------